**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Novembru, 2022**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 79/2022**

***WASIM RAKIB***

***VS.***

***L-AĠENZIJA GĦAL PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI, IT-TRIBUNAL TAL-APPELL DWAR IL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI, IL-MINISTRU TAL-INTERN, SIGURTÀ NAZZJONALI U INFURZAR TAL-LIĠI, IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI FI ĦDAN IL-MINISTERU TAL-INTERN, SIGURTÀ NAZZJONALI U INFURZAR TAL-LIĠI, IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA BĦALA UFFIĊJAL PRINĊIPALI TAL-IMMIGRAZZJONI U L-AVUKAT TAL-ISTAT***

**Il-Qorti**:

1. Din is-sentenza tolqot ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti dwar jekk din il-qorti għandhiex toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha biex tqis l-ilmenti tar-rikorrent;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fil-**<u>11 ta' Frar, 2022</u>**, Wasim Rakib fisser li huwa twieled fl-Indja. Jgħid li fit-18 ta' Awwissu, 2009, grupp ta' militanti msejjaħ Hizbul Mujahedeen talbu lilu u lil missieru biex jingħaqdu magħhom sabiex jiġġieldu kontra l-Istat Indjan għall-indipendenza tal-Kashmir. Ir-rikorrent jgħid li missieru

ma riedx imur magħhom u minħabba f'hekk missieru ġie maqtul, filwaqt li hu ġie mdarrab u mhedded;

3. Iżid jgħid li minħabba din il-ġrajja, huwa ħarab mill-Indja u wara li mar Dubai u l-Libja, huwa spiċċa f'Malta. Ir-rikorrent jgħid li matul is-snin li kien Malta huwa ressaq għadd ta' applikazzjonijiet biex jingħata l-ażil, iżda t-talbiet tiegħu ġew kollha meqjusa bħala mhux ammissibbli. Ressaq ukoll kawża quddiem il-qrati ċivili bin-numru 788/2015 sabiex jattakka waħda minn dawn id-deċiżjonijiet, iżda, kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u kif ukoll il-Qorti tal-Appell ma tawhx raġun;

4. Ikompli jgħid li fis-16 ta' Jannar, 2019 huwa ġie arrestat u meħud fiċ-ċentru ta' detenzjoni minħabba li l-ordni tat-tneħħija tiegħu kienet inżammet pendenti. Fit-30 ta' April, 2019 il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni ddeċieda li l-ordni ta' tneħħija kienet waħda mistħoqqa iżda indika li d-deċiżjoni tad-detenzjoni kellha tiġi riveduta peress li huwa kienu ilu jgħix Malta għal aktar minn sitt snin u kellu xi ħbieb li kienu lesti jipprovdulu post fejn joqgħod. L-Uffiċjal Prinċipal tal-Immigrazzjoni appella minn din id-deċiżjoni iżda l-appell ġie ċedut fit-12 ta' Lulju, 2019. B'hekk ir-rikorrent jgħid li huwa ġie miżmum għal sitt xhur b'mod illegali bi ksur tal-**artikolu 34** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**artikolu 5(3)** tal-**Konvenzjoni Ewropea**;

5. Minbarra dan huwa jallega li l-applikazzjonijiet tiegħu għall-ażil ġew ipproċessati bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-**artikolu 39** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6** tal-**Konvenzjoni Ewropea**, kemm għaliex l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali ma mxietx sew u kif ukoll għaliex il-każ tiegħu ma nstemax minn tribunal indipendenti u imparzjali;

6. Għalhekk huwa ressaq din il-kawża u talab biex din il-qorti:

> *«i. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom illedew id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent Wasim Rakib previsti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fl-Artikolu 39*

*tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta naqsu milli jaċċertaw smigħ xieraq u proċeduri ġusti sabiex jiġi eżaminat il-każ tiegħu għall-ażil ġewwa Malta;*

*ii. B'konsegwenza tal-ewwel talba, tiddikjara li d-deċiżjonijiet datati 25 ta' Frar 2013, 3 ta' Jannar 2014, 18 ta' Jannar 2018, 4 ta' Settembru 2019 u 5 ta' Ottubru 2021 huma nulli u invalidi;*

*iii. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom illedew id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent Wasim Rakib previsti fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta ġie miżmum għal sitt xhur f'detenzjoni mhux meħtieġa u għaldaqstant illegali;*

*iv. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu kumpens xieraq lir-rikorrenti, tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha li l-Qorti tqis bħala rilevanti, inkluż iżda mhux limitatament il-ħsara finanzjarja u psikoloġika li sofra l-esponenti minħabba l-aġir tal-intimati jew min minnhom; u*

*v. Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidhrilha xierqa skont il-liġi u fiċ-ċirkostanzi tal-każ.»*

7. Il-konvenuti kollha flimkien ressqu risposta waħda fis-**7 ta' Marzu, 2022** u fiha huma qajmu għadd ta' eċċezzjonijiet. Fosthom hemm ir-raba' eċċezzjoni, li sejra tiġi deċiża f'din is-sentenza, li tgħid hekk:

*«Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jirrileva illi r-rikorrent kellu kull mezz u rimedju ordinarji disponibbli għalih sabiex jattakka kemm id-detenzjoni li seħħet bejn is-16 ta' Jannar 2019 sat-12 ta' Lulju 2019 permezz ta' talbiet quddiem l-istess esponent, kif ukoll permezz ta' rikors quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. L-esponenti Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali u t-Tribunal tal-Appell għal Protezzjoni Internazzjonali jirrilevaw illi fir-rigward tad-deċiżjonijiet mogħtija minnhom mis-sena 2013 sas-sena 2021, dawn kollha setgħu ġew attakkati tramite proċeduri ordinarji quddiem il-Qrati Ċivili kif fil-fatt seħħ permezz tal-proċeduri "***Wakib Rasim v. Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati et***" (788/2015MCH). Illi di più permezz ta' proċeduri pressoché identiċi għall-proċeduri odjerni ("***Wasim Rakib v. Kummissarju tal-Pulizija et***" - 217/2019RGM) ir-rikorrent kellu mezz sabiex imexxi l-ilmenti kostituzzjonali tiegħu quddiem Qorti*

*Kostituzzjonali imma għażel illi jabbanduna l-istess proċeduri li kien intavola huwa stess;*

*L-esponenti għalhekk minnufih jeċċepixxu illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha kostituzzjonali stante illi r-rikorrent kellu mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat li kienu disponibbli favur ir-rikorrent skont xi liġi oħra u dan ai termini tal-proviso tas-sub-artikolu 2 tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.»*

8. Fl-ewwel seduta tal-11 ta' Marzu, 2022 ġie maqbul bejn il-partijiet, li din il-qorti għandha tiddeċiedi l-ewwel din ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti (ara paġna 17 tal-atti tal-kawża);

9. Il-partijiet għalqu l-provi tagħhom dwar din l-eċċezzjoni waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju, 2022 (ara paġna 525 tal-atti tal-kawża) u dakinhar huma qablu li l-qorti tista' tissokta bis-sentenza tagħha dwar din l-eċċezzjoni, wara li jitressqu n-noti ta' sottomissjonijiet;

10. Wara li qieset l-atti kollha tal-kawża u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-qorti tinsab f'qagħda illi tagħti din is-sentenza;

***Fatti***

11. Ir-rikorrent wasal f'Malta f'Novembru tas-sena 2012 u fit-3 ta' Diċembru, 2012 huwa ressaq applikazzjoni biex jingħata l-ażil. Din it-talba tiegħu ġiet miċħuda mill-Kummissarju għar-Rifuġjati fis-16 ta' Frar, 2013 minħabba li din ma tqisitx li tilħaq il-kriterji meħtieġa sabiex huwa jingħata l-istat ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-President tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati fil-25 ta' Frar, 2013;

12. Wara li r-rikorrent ressaq xi dokumenti ġodda, huwa talab lill-Kummissarju tar-Rifuġjati sabiex jerġa' jiftaħ il-każ tiegħu. Imma b'deċiżjoni mogħtija fil-15 ta' Settembru, 2014, il-Kummissarju qatagħha li ma nġiebu l-ebda elementi ġodda li

setgħu jbiddlulu fhemtu. Sar appell minn din id-deċiżjoni iżda dan l-appell ġie miċħud b'sentenza tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati mogħtija fl-24 ta' Lulju, 2015, minħabba li l-appell tiegħu tressaq wara ż-żmien ta' ħmistax-il jum imsemmi fl-**artikolu 7 tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta**;

13. Din id-deċiżjoni ġiet attakkata mir-rikorrent b'kawża ċivili fl-ismijiet ***Wasim Rakib v. Bord tal-Appelli Dwar ir-Rifuġjati*** **(Rik. Nr. 788/15MCH)** iżda b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Frar, 2017, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2018 ġie deċiż li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati kienet waħda tajba;

14. Aktar tard, fis-16 ta' Jannar, 2019 l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ħareġ ordni ta' tneħħija u deċiżjoni ta' ritorn kontra Wasim Rakib peress li dan kien meqjus bħala immigrant ipprojbit skont l-**Att dwar l-Immigrazzjoni** (**Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta**). Bħala konsegwenza tal-ordni ta' tneħħija, Wasim Rakib inżamm taħt kustodja skont l-**artikolu 14(2) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta,** fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Ħal Safi sakemm isiru l-arranġamenti meħtieġa biex huwa jkun jista' jitneħħa minn Malta;

15. B'reazzjoni għal din l-ordni ta' tneħħija, Wasim Rakib fit-18 ta' Jannar, 2019 ressaq applikazzoni ġdida għall-ażil quddiem il-Kummissarju għar-Rifuġjati u minħabba din l-applikazzjoni, l-effetti kollha tal-ordni ta' tneħħija ġew sospiżi sakemm tittieħed id-deċiżjoni finali tal-applikazzjoni għall-ażil (ara **artikolu 14(4) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta)**;

16. Peress li l-effetti tal-ordni tat-tneħħija ġew sospiżi, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ddeċieda li fit-22 ta' Jannar, 2019, joħroġ ordni ta' detenzjoni fil-konfront ta' Wasim Rakib skont ir-**regola 6** tar-**Regolamenti dwar l-Akkoljenza ta' Persuni li Jfittxu l-Asil (Leġislazzjoni Sussidjarja 420.06)**. Din l-ordni ta' detenzjoni ġiet appellata quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni u dan il-

Bord ikkonferma l-legalità tal-ordni tad-deċiżjoni meħuda mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni;

17. Fil-5 ta' Frar, 2019 il-Kummissarju għar-Rifuġjati ċaħad l-applikazzjoni għall-ażil tat-18 ta' Jannar, 2019. Din id-deċiżjoni ġie ikkonfermata mill-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati fit-8 ta' Frar, 2019 u għalhekk l-ordni ta' tneħħija ta' Wasim Rakib reġgħet ħadet il-ħajja;

18. Fl-20 ta' Marzu, 2019, ir-rikorrent kiteb lill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni sabiex jattakka d-deċiżjoni tal-Kummissarju għar-Rifuġjati meħuda fis-16 ta' Frar, 2013 iżda dan l-ilment ġie miċħud;

19. Fil-25 ta' Marzu, 2019, Wasim Rakib ressaq applikazzjoni ġdida għall-ażil;

20. Fit-18 ta' April, 2019, l-Uffiċjal Prinċipal tal-Immigrazzjoni ħareġ ordni ta' detenzjoni ġdida fil-konfront ta' Wasim Rakib. Għal darboħra Wasim Rakib ikkontesta din l-ordni ta' detenzjoni quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni skont ir-**regola 6** tar-**Regolamenti dwar l-Akkoljenza ta' Persuni li Jfittxu l-Asil (Leġislazzjoni Sussidjarja 420.06)**. B'deċiżjoni tat-30 ta' April, 2019, il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni kkonferma l-legalità tad-detenzjoni ta' Wasim Rakib iżda qal ukoll li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni kellu jqis mezzi oħra minflok id-detenzjoni, ladarba Wasim Rakib kien ilu Malta għal sitt snin u kellu ħbieb li kienu lesti li jipprovdulu post fejn joqgħod. L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) iżda dan l-appell ġie ċedut fit-12 ta' Lulju, 2019, wara li l-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni, b'deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju, 2019, kien ħassar il-provvediment tiegħu tat-30 ta' April, 2019;

21. Ġara iżda li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sab problemi biex jibgħat lil Wasim Rakib lura lejn l-Indja minħabba li l-awtoritajiet Indjani ma ridux joħorġu dokumenti tal-ivvjaġġar peress li ma kinux qegħdin jagħrfu lil Wasim Rakib bħala

ċittadin Indjan. Barra minn hekk, id-dokumentazzjoni li kellu Wasim Rakib biex juri li huwa kien Indjan ma kinux qegħdin jitqiesu bħala dokumenti ġenwini. Għalhekk fis-27 ta' Lulju, 2019 l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni qatagħha li ma jibqax iżomm aktar lil Wasim Rakib taħt detenzjoni;

22. Sadattant l-aħħar applikazzjoni għall-ażil ta' Wasim Rakib tqieset bħala inammissibbli mill-Kummissarju għar-Rifuġjati fit-3 ta' Lulju, 2019. Sar appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati u b'deċiżjoni tat-13 ta' Lulju, 2019, il-Bord sab li l-applikazzjoni kienet ammissibbli u għalhekk bagħat l-atti lura lill-Kummissarju. Fit-30 ta' Awwissu, 2019, il-Kummissarju għar-Rifuġjati ċaħad l-applikazzjoni. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati fl-4 ta' Settembru, 2019;

23. Fis-7 ta' Novembru, 2019 ir-rikorrent ressaq kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ***Wasim Rakib v. Kummissarju tal-Pulizija et (Rik. Nru. 217/2019RGM)*** li tixbaħ ħafna lil dik tal-lum, iżda, din il-kawża ġiet abbandunata mir-rikorrent u ġiet imħassra fid-29 ta' Ottubru, 2020;

24. Fil-15 ta' Lulju, 2021, Wasim Rakib ressaq applikazzjoni ġdida quddiem l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali (li ħadet post il-Kummissarju għar-Refuġjati) iżda din l-applikazzjoni ġiet meqjusa bħala waħda inammissibbli fit-30 ta' Awwissu, 2021. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mit-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni Internazzjonali fis-16 ta' Settembru, 2021 u fil-5 ta' Ottubru, 2021;

25. Għalkemm l-applikazzjoni tiegħu għall-ażil ġiet miċħuda, Wasim Rakib ngħata dokument mill-Pulizija sabiex ikun jista' jgħix u jaħdem f'Malta u dan sakemm tiġi stabbilita ċ-ċittadinanza tiegħu u jkun jista' jintbagħat lura lejn il-pajjiż taċ-ċittadinanza tiegħu. Sal-lum iċ-ċittadinanza ta' Wasim Rakib għadha ma ġietx stabbilita;

26. Fil-11 ta' Frar, 2022 imbagħad tressqet din il-kawża kostituzzjonali;

***Konsiderazzjonijiet***

27. F'din il-kawża Wasim Rakib qed jilmenta dwar żewġ affarijiet: (i) li d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati u tat-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, li ċaħdulu t-talbiet tiegħu għall-ażil, ittieħdu kollha bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq; u (ii) li għal sitt xhur fl-ewwel parti tas-sena 2019 huwa nżamm arrestat b'mod illegali;

28. Waħda mill-eċċezzjonijiet preliminari li tqajmet mill-konvenuti hija li din il-qorti jmissha ma tinqediex bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skont il-***provisos*** għall-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u għall-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** u dan għaliex ir-rikorrent kellu f'idejh rimedji oħra li seta' jagħmel użu minnhom sabiex jindirizzaw l-ilmenti tiegħu;

29. Is-sentenza tal-lum tolqot sewwasew din l-eċċezzjoni tal-konvenuti;

30. Insibu fil-***provisos*** għall-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**, li l-leġislatur ħalla fl-għaqal tal-qorti mogħnija bis-setgħat kostituzzjonali, biex min-naħa l-waħda ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali jew konvenzjonali bla bżonn, u biex min-naħa l-oħra jiġi żgurat li f'każijiet li jixirqu li jiġu eżaminati taħt il-lenti kostituzzjonali jew konvenzjonali, dawn jiġu hekk eżaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma, jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Tassew il-*provisos* ta' dawn iż-żewġ artikoli mhumiex maħsuba biex il-qorti taħrab mir-responsabbilità li tqis ilmenti ta' bixra kostituzzjonali, iżda fuq ix-xaqliba l-oħra wieħed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji xierqa u effettivi, il-qorti għandha l-għażla li tmil lejn iċ-ċaħda tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq imsemmija (ara ***Elvia Scerri et v. Awtorità tad-Djar et*** deċiża mill-Qort Kostituzzjonali fit-13 ta' April, 2018);

31. Id-diskrezzjoni dwar jekk qorti tagħżilx li twettaq is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le tista' titqajjem mill-istess qorti minn rajha, anke jekk ma jkunx hemm eċċezzjoni formali mill-partijiet (ara ***Easygas Malta Ltd v. Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2012, ***Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, ***Valletta Freight Services Limted v. Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Novembru, 2015 u ***Rosaria Borġ Busuttil v. Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju, 2019);

32. Ingħad li persuna ma tistax tippretendi li tirċievi rimedju minn qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali meta jirriżulta li hija stess tkun għażlet li ma tużax ir-rimedji ordinarji li kienet tagħtiha l-liġi ordinarja. Dan għaliex kif sew imtenni fis-sentenza, ***Nardu Balzan Imqareb v. Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja*** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fit-18 ta' Mejju, 2006,

> *«Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u adottata qabel ma' l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, meta liċ-ċittadin ikunu pprovduti u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu.»*

33. Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***John Sammut v. Awtorità tal-Ippjanar et*** deċiża fis-27 ta' Frar, 2003, il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx tabilfors li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kieku kien hekk, il-***provisos*** tal-**artikolu 46(2)** tal-**Kostituzzjoni** u tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** kienu jkunu superfluwi jew saħanistra bla sens (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et*** u tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet ***Teddy Rapa v. Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar et***);

34. Anke f'sentenzi aktar riċenti l-qrati kostituzzjonali qagħdu lura milli jieħdu għarfien ta' ilmenti kostituzzjonali meta ntebħu li r-rikorrenti kienu naqsu kompletament milli jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi (ara ***Horace sive Grezzju Cassar v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Jannar, 2005, ***John Mary Chircop v. Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Lulju, 2007, ***Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, ***Gafà Saveways Limited v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ottubru, 2015 u ***JA&M Developments Limited v. L-Avukat Ġenerali et et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru, 2020) jew meta r-rikorrent jagħmel użu ħażin mill-jedd mogħti lilu bil-liġi ordinarja (ara b'eżempju ***A & J Hili ta' Miema Ltd. vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***, Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Frar 2005);

35. Naturalment meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser. Fuq kollox, dan ir-rimedju jrid jkun wieħed aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat (ara ***Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991 u ***Louise Xerri et v. Kummissarju tal-Artijiet*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju, 2016). M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, iżda huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi użat b'mod prattiku, effettiv u effikaċi (ara ***Rea Ceramics Limited v. Kunsill Malti Għall-Isport et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju, 2014);

36. Tassew ir-regola li trid li min idur għar-rimedju straordinarju jkun qabel fittex ir-rimedji ordinarji kollha ma hix xi regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika. Il-qorti għandha diskrezzjoni biex tara jekk, fiċ-ċirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun biżżejjed għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali; ħalli b'hekk ma jsirx rikors

għar-rimedji straordinarji, meta dawk ordinarji kienu jkunu biżżejjed. Ma hemm ebda ħtieġa, iżda, illi r-rikorrent ikun ħela ħin u spejjeż fi proċeduri li x'aktarx ma jagħtuhx rimedju tajjeb (ara ***Evelyn Montebello et v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018 u ***Louis Apap Bologna v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019); jew meta l-possibbiltà li jingħata rimedju taħt il-liġi ordinarja tkun fula f'qargħa (ara ***Joseph Bartolo v. Onorevoli Prim Ministru*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Diċembru, 2002, ***John Mattei et v. L-Awtorità tad-Djar et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 u ***Glen James Scott v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2022);

37. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, il-qorti taqbel mal-konvenuti li Wasim Rakib ma kellux għalfejn iressaq kawża kostituzzjonali jekk huwa ried jikkontesta l-mod ta' kif ingħataw id-deċiżjonijiet mill-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati u t-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, b'rabta mat-talbiet tiegħu għall-ażil;

38. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza, li minkejja dak li hemm miktub fl-**artikolu 7(10) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-qrati ċivili fis-setgħat ordinarji tagħhom għandhom dejjem is-setgħa li jistħarrġu jekk id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati u tat-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni Internazzjonali ttieħdux bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew inkella jekk ittieħdux bi ksur ta' xi liġi proċedurali jew sostantiva (ara ***Paul Washimba v. Bord tal-Appell Dwar ir-Refuġjati et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru, 2012, ***Saed Salem Saed v. Bord tal-Appelli Dwar ir-Rifuġjati et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April, 2013, ***Sadek Mussa Abdalla v. Bord tal-Appelli Dwar Ir-Rifugjati et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ottubru, 2013, ***Teshome Tensae Gebremariam sive Teshome Berhane Asbu v. Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016, ***Saif Ur Rehman v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Lulju, 2020, ***Nawar Riad Magdy Talat v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Ottubru, 2020, ***Dina Abraham Tekie v. L-Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Settembru, 2021 u ***Fuad Gurun Salih v. L-Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Jannar, 2022);

39. Ingħad f'dawn is-sentenzi li l-qrati ċivili għandhom ġurisdizzjoni ġenerali biex jistħarrġu l-imġiba ta' kull tribunal kważi-ġudizzjarju jew maħluq statutorjament għaliex, fi stat ta' dritt, ħadd ma hu meħlus mir-rabta li jimxi kif tridu l-liġi, u jekk issir xilja li xi ħadd ma mexiex skont il-liġi, huma l-qrati li għandhom is-setgħa li jqisu l-ilment u li jagħtu r-rimedju, jekk ikun il-każ;

40. Joħroġ mill-ġabra tal-fatti hawn fuq imsemmija li anke r-rikorrent kien jaf sew b'dan ir-rimedju ordinarju, tant li darba minnhom huwa nqeda bih u fetaħ il-proċeduri ċivili ***Wasim Rakib v. Bord tal-Appelli Dwar ir-Rifuġjati*** **(Rik. Nr. 788/15MCH)** biex jattakka s-sentenza tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati mogħtija fl-24 ta' Lulju, 2015. Huwa minnu li r-rikorrent ħareġ tellief f'dik il-kawża imma b'daqshekk dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li din il-kawża setgħet twassal għat-tħassir tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati, li kieku nstab li huwa kellu raġun li l-Bord iddeċieda ħażin. Ġara iżda li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Appell sabu li r-rikorrent ma kellux raġun fl-ilment tiegħu kontra s-sentenza tal-Bord għaliex tassew l-appell tiegħu li huwa ressaq quddiem il-Bord kien wieħed li sar tard u għalhekk ma jiswiex;

41. Hu miżmum fil-ġurisprudenza li jekk persuna tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tagħmel użu tar-rimedju ordinarju, hija ma tistax imbagħad tieħu passi kostituzzjonali bħala rimedju *in extremis* (ara ***Domenico Savio sive Savio Spiteri v. Chairman Awtorità tal-Ippjanar et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ġunju, 1999 u ***Michael Borġ v. Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ottubru, 2017);

42. F’dan il-każ ladarba r-rikorrent ma appellax fil-ħin quddiem il-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati u l-qrati ċivili sabu li l-appell tiegħu tabilħaqq kien wieħed li tressaq tard, allura huwa ma jistax jinqeda b’din il-kawża kostituzzjonali sabiex jipprova jsewwi n-nuqqas tiegħu milli jagħmel użu kif imiss mir-rimedju ordinarju li ttih il-liġi;

43. Safejn imbagħad jolqot id-deċiżjonijiet l-oħra tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati u tat-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, il-qorti tħoss li bħalma huwa nqeda b’dan ir-rimedju ċivili sabiex jattakka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati mogħtija fl-24 ta’ Lulju, 2015, huwa seta’ jinqeda b’dan ir-rimedju biex jattakka wkoll id-deċiżjonijiet l-oħra tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati u tat-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni Internazzjonali li skontu ttieħdu bi ksur tal-liġi u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;

44. Għar-raġunijiet tiegħu, Wasim Rakib iżda għażel li ma jressaqx kawża ċivili ordinarja oħra biex jikkontesta d-deċiżjonijiet l-oħra tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati u tat-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni Internazzjonali. Dan in-nuqqas għandu jġarrbu l-istess Wasim Rakib għaliex huwa kien messu nqeda bir-rimedji li tagħtih il-liġi;

45. Għaldaqstant ladarba Wasim Rakib naqas milli juża r-rimedju ordinarju ta’ azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju biex jattakka d-deċiżjonijiet l-oħra tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati u tat-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, il-qorti ma tqisx li huwa sew li hija għandha tħalli lir-rikorrent jinqeda b’din il-proċedura straordinarja sabiex iressaq ilmenti li huwa faċilment seta’ jressaqhom f’kawżi ċivili ordinarji (ara f’dan is-sens ***Rosaria Borġ Busuttil v. Malta*** deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-16 ta’ Diċembru, 2020);

46. Il-qorti għalhekk tħoss li safejn l-ilment ta’ Wasim Rakib jinsab imsejjes fuq l-allegat ksur tal-jedd ta’ smigħ xieraq tiegħu minħabba l-mod ta’ kif ingħataw id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati u tat-Tribunal tal-Appell dwar il-

Protezzjoni Internazzjonali, dan m'għandux jiġi mistħarreġ minn din il-qorti skont is-setgħat mogħtija lilha taħt il-**Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;

47. Terġa' u tgħid din il-fehma tal-qorti li ma tqisx l-ilment ta' ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq imqajjem mir-rikorrent dwar il-mod kif ġew deċiżi t-talbiet tiegħu għall-ażil, tinsab imsaħħa wkoll mill-fatt li huwa punt stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem, li deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' ażil huma esklużi mill-applikazzjoni tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**. Dan il-punt ġie trattat mill-partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom;

48. Jissokta jingħad, li l-kontenut u s-sustanza tal-**artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni** u tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** huma simili ħafna għal xulxin, tant li fl-**artikolu 39(1)** u **(2) tal-Kostituzzjoni** u fl-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** jintużaw kliem kważi identiċi (ara f'dan is-sens il-kummenti magħmula fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-22 ta' Ottubru 1984, fl-ismijiet, ***E.T. Reverendissimu Monsinjur Arċisqof Giuseppe Merċieca noe et v. Onor. Prim Ministru et***);

49. Ġie mtenni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Mustefa Mustefa Al Muhamad v. Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni et***, mogħtija fl-24 ta' Frar, 2012, illi l-kemm l-**artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni** u kemm l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jolqtu proċeduri: «*għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili*» jew għad-«*deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi*» rispettivament;

50. Ifisser dan, illi biex dawn id-dispożizzjonijiet jibdew jgħoddu għall-każ irid ikun hemm l-ewwel nett dritt jew obbligu li huwa mħares u protett bil-liġi, kif dan il-kunċett huwa mifhum fil-qafas tal-liġi domestika li fiha jrid jitħares; u t-tieni nett li dak id-dritt jew obbligu jkun ta' sura ċivili;

51. Tali determinazzjoni hija essenzjali għaliex protezzjoni għal smigħ xieraq mill-**Kostituzzjoni** u mill-**Konvenzjoni Ewropea** hija mogħtija biss jekk «*in issue*» jkun hemm «a *determination of civil rights and obligations*» (ara ***Joseph Bellizzi et v. Awtorità Marittima ta' Malta et***, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Frar, 2009). Kemm hu hekk, il-**Kostituzzjoni** u anke l-**Konvenzjoni** ma jiggarantixxux id-dritt għal smigħ xieraq għal kull dritt u obbligazzjoni (ara ***Kreuz v. Il-Polonja*** – 19 ta' Ġunju, 2001 u ***Airey v. L-Irlanda*** – 9 ta' Ottubru 1979) li individwu jista' jargumenta illi għandu;

52. Każistika qawwija turi illi hemm ċertu tilwim li ma jmissux ma' «*determination of civil rights and obligation*s» u b'hekk, kif ġie deċiż f'dawn il-kawżi, wieħed jirrealizza li mhux kull «*civil right and obligation*» jaqa' taħt l-iskop ta' dawn l-artikoli;

53. B'dawn id-drittijiet huwa mifhum li qiegħed isir riferenza għad-dritt privat u mhux pubbliku, b'mod li l-**Konvenzjoni** ma kinitx meqjusa li tħares lill-individwu fil-jedd ta' smigħ xieraq dwar kull jedd jew obbligu li huwa jista' jqanqal taħt il-liġi ta' pajjiżu (ara per eżempju, ***Konig v. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja*** 28.6.1978 (Applik. Nru. 6232/73) par 90-5);

54. Fost it-tilwim li huma konċettwalment esklużi mill-ambitu tad-dritt ta' smigħ xieraq hemm dawk ta' natura amministrattiva bħalma huma kwistjonijiet marbuta ma' immigrazzjoni, ażil, estradizzjoni, taxxa u xiri pubbliku;

55. F'paġna 23 tal-aħħar verżjoni aġġornata tal-31 ta' Awwissu, 2022 tal-***Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights Right to a fair trial (civil limb)***, maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem insibu hekk:

> *«Matters outside the scope of Article 6 include tax proceedings: tax matters still form part of the hard core of public-authority prerogatives, with the public nature of the*

*relationship between the taxpayer and the community remaining predominant (ibid., § 29). Similarly excluded are summary injunction proceedings concerning customs duties or charges (Emesa Sugar N.V. v. the Netherlands (dec.), 2005).*

***<u>The same applies, in the immigration field, to the entry, residence and removal of aliens, in relation to proceedings concerning the granting of political asylum or deportation (application for an order quashing a deportation order</u>****: see* ***Maaouia v. France [GC]****, 2000, § 38; extradition: see* ***Peñafiel Salgado v. Spain*** *(dec.), 2002;* ***Mamatkulov and Askarov v. Turkey [GC]****, 2005, §§ 81-83; and an action in damages by an asylum-seeker on account of the refusal to grant asylum: see* ***Panjeheighalehei v. Denmark*** *(dec.), 2009), despite the possibly serious implications for private or family life or employment prospects.»*

56. Ir-rikorrent jgħid iżda fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li dan l-aħħar il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) iddeċidiet fis-sentenza ***Mariama Ngady Parsons v. L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et*** mogħtija fl-1 ta' Marzu, 2022, li l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** għandhom jgħoddu wkoll għall-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' talbiet ta' rifuġjati;

57. Din il-qorti kif impoġġija però ma tħossx li għandha toqgħod fuq din is-sentenza msemmija mir-rikorrent. Apparti li din is-sentenza għadha mhijiex finali għaliex ġiet appellata quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, xorta jibqa' l-fatt li din is-sentenza tmur kontra x-xejra tar-riħ għaliex tmur kontra dak stabbilit fil-ġurisprudenza stabbilita mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem;

58. Tassew din il-qorti ma tistax tqiegħed fil-ġenb it-tagħlim ħiereġ mis-sentenzi tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem. M'għandux ikun hemm lanqas l-iċken dubju li sentenzi tal-Qorti Ewropea għandhom iservu ta' *res interpretata*. Dawn is-sentenzi jservu mhux biss biex tiġi deċiża l-kawża li tkun ġiet trattata quddiem dik il-qorti, imma biex tiċċara, tissalvagwardja u tiżviluppa r-regoli tal-**Konvenzjoni Ewropea**;

59. Ġie mtenni fil-passat (ara ***Joseph Aquilina v. Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Ġunju, 1994) li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem għandha tingħata attenzjoni u piż meta din tmiss mal-applikazzjoni u mal-interpretazzjoni tal-**Konvenzjoni**;

60. Kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Josephine Buġeja v. Avukat Ġenerali et*** deċiża fis-7 ta' Diċembru, 2009,

> «*Is-sistema ġudizzjarja tagħna ma tistax tingħalaq fiha nnifisha u tinjora, jew tonqos milli għall-anqas tikkonsidra, l-iżviluppi fid-dottrina u fil-ġurisprudenza f'pajjiżi li jħaddnu u jħaddmu prinċipji legali u istituti ta' liġi simili għal tagħna.*»

61. Bħalma ġie miktub fis-sentenza ***Cadder (Appellant) v. Her Majesty's Advocate (Respondent) (Scotland)*** [2010] (UKSC 43) ċitata b'approvazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni ***Il-Pulizija v. Mark Lombardi*** tat-12 ta' April, 2011 meta, «*On this matter Strasbourg has spoken: the courts in this country have no real option but to apply the law which it has laid down*»;

62. Ta' min iżid jgħid ukoll, li l-Imħallef Paulo Pinto de Albuquerque, fid-deċiżjoni separata mogħtija minnu fil-kawża ***Mario Borġ v. Malta*** maqtugħa fit-12 ta' Jannar 2016, kellu pjuttost kliem iebes kontra l-Qorti Kostituzzjonali Maltija meta din ippruvat tieħu xejra kemmxejn differenti mill-pożizzjoni meħuda mill-Qorti Ewropea. Dan kiteb li,

> «*Should the domestic authorities' "autonomous" interpretation of the Convention go so far that they could disregard the letter and the spirit of the Court's judgments, the Court would be deprived of its jurisdictional power. Were the margin of appreciation to allow for such arbitrary restriction of the legal effect of the Court's judgments, the intention of the founding fathers of the Convention to create a system of "collective enforcement of certain of the rights stated in the Universal Declaration" on the basis of a "common heritage of political traditions, ideals, freedom and the rule of law" would be thwarted"*»

63. Illi fl-isfond ta’ dan kollu, ġaladarba l-Qorti Ewropea f’aktar minn okkażjoni waħda saħqet li kwistjonijiet li għandhom x’jaqsmu ma’ talbiet għall-ażil m’għandhomx jiġu koperti bl-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewroepa**, allura ma jidhirx li huwa xieraq li din il-qorti titbiegħed minn din il-pożizzjoni daqstant ċara mogħtija mill-Qorti Ewropea;

64. Fuq kollox anke l-Qorti Kostituzzjonali tagħna f’għadd ġmielu ta’ sentenzi qalet li l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** ma japplikawx għal talbiet għal stat ta’ refuġjat u għal proċeduri dwar tkeċċija ta’ min mhuwiex ċittadin tal-pajjiż (ara ***Dr Muhammed Mokbel Elbakry v. Onorevoli Prim Ministru*** deċiża fid-29 ta’ Mejju, 2009, ***Ramadan Wahba Mabrouk Louay v. L-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru Għall-Ġustizzja u l-Intern*** deċiża fil-25 ta’ Mejju, 2012, ***Tarek Mohammed Ibrahim v. Viċi Prim Ministru*** deċiża fit-28 ta’ Mejju, 2012, ***Yazan Harmoush v. Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern et*** deċiża fit-28 ta’ Settembru, 2012 u ***Dilek Sahan et v. Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et*** deċiża fit-22 ta’ Frar, 2013);

65. Jiġi b’hekk, li din il-qorti qiegħda toqgħod lura milli tqis it-talbiet tar-rikorrent safejn jolqtu ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** anke minħabba l-fatt li l-ilmenti tar-rikorrent dwar id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati u tat-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni Internazzjonali ma jistgħux jiġu mistħarrġa taħt dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi;

66. Jifdal biss lil din il-qorti biex tqis jekk hija għandhiex tieħu dehen tal-ilment l-ieħor tar-rikorrent mabut mal-fatt li huwa għamel sitt xhur fl-ewwel parti tal-2019 miżmum taħt kustodja;

67. Fil-fehma tal-qorti anke dwar dan l-aspett tal-ilment tiegħu, ir-rikorrent kellu fl-2019 rimedji biżżejjed tajba u effettivi taħt il-liġi ordinarja sabiex jindirizzaw din il-kwistjoni tad-detenzjoni;

68. Skont l-**artikolu 25A(6), (9), (10)** u **(11)** tal-**Att dwar l-Immigrazzjoni** u r-**regola 6(3)** tar-**Regolamenti dwar l-Akkoljenza ta' Persuni li Jfittxu l-Asil (Leġislazzjoni Sussidjarja 420.06)**, ir-rikorrent kellu kull dritt li jikkontesta l-legalità tal-arrest tiegħu quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni;

69. Fis-sentenza ***Jamburu Jara et v. Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Principali tal-Immigrazzjoni et*** deċiża fl-20 ta' Lulju, 2020, il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li r-rimedju provdut fl-**Att dwar l-Immigrazzjoni** biex wieħed jikkontesta l-legalità tal-arrest jew detenzjoni tiegħu huwa wieħed effettiv. Il-Qorti Kostituzzjonali waslet għal din il-fehma wara li qieset li l-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, b'riferenza għall-eżekuzzjoni tas-sentenza ***Suso Musa v. Malta*** tat-23 ta' Lulju 2013 u sentenzi oħra li kienu jolqtu lil Malta, kien iddikjara hekk dwar ir-rimedju tal-**artikolu 25A tal-Att dwar l-Immigrazzjoni**

> *«Welcoming, as concerns the general measures, the comprehensive legislative and policy changes undertaken in this domain, putting an end the automatic detention of asylum seekers and improving review proceedings and detention conditions.....*
>
> *DECIDES to close the examination thereof.»*

70. Issa fil-każ tagħna jidher li r-rikorrent inqeda b'dan ir-rimedju quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni biex jikkontesta d-deċiżjoni tad-detenzjoni tiegħu meħuda mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni iżda din it-talba tiegħu ġiet miċħuda għaliex il-Bord dehrlu li d-detenzjoni u l-arrest tiegħu kienu legali;

71. Huwa veru li fid-deċiżjoni tat-30 ta' April, 2019, il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni qal lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni biex jesplora l-possibilità li jeħles lir-rikorrent mid-detenzjoni u jħallih joqgħod għand xi ħbieb tiegħu peress li kien ilu Malta għal aktar minn sitt snin. Madankollu huwa minnu wkoll li l-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni f'dik id-deċiżjoni kien sab li d-detenzjoni tiegħu kienet waħda legali;

72. Għalhekk jekk ir-rikorrent ried li jkompli jikkontesta l-legalità tad-detenzjoni tiegħu, wara din id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni, huwa ma kellux għalfejn joqgħod jistenna madwar tliet snin biex jiftaħ din il-kawża kostituzzjonali, imma jekk xejn huwa messu ressaq appell fi żmien għaxart ijiem mid-deċiżjoni tal-Bord quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) skont l-**artikolu 25A(8) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni**;

73. Tassew jekk ir-rikorrent kien qed jgħid li l-arrest tiegħu kien wieħed illegali bi ksur tal-liġi, allura dan kien punt ta' dritt li seta' jitressaq quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri);

74. Barra minn hekk, kif aċċennat fis-sentenza ***Jamburu Jara et v. Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Principali tal-Immigrazzjoni et*** fuq imsemmija, b'żieda mar-rimedju msemmi fl-**artikolu 25A tal-Att dwar l-Immigrazzjoni**, ma kien hemm xejn xi jżomm lir-rikorrent milli jekk irid jinqeda bil-proċedura tal-**artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali** dwar il-*habeas corpus,* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex jitlob il-ħelsien mill-arrest tiegħu jekk kemm-il darba huwa kien qed isostni li l-arrest tiegħu kien wieħed illegali;

75. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk din il-qorti lanqas ma tħoss li huwa xieraq li għandha għalfejn tistħarreġ it-talbiet tar-rikorrent safejn dawn huma marbuta mal-arrest tiegħu fl-2019. Wara kollox jirriżulta mill-ġabra tal-fatti fuq imsemmija, li r-rikorrent mhuwiex xi persuna li kien jiddejjaq jibda proċeduri legali. Kemm hu hekk, jirriżulta li f'dawn l-aħħar għaxar snin huwa fetaħ litanija sħiħa ta' proċeduri kontra l-awtoritajiet governattivi. Mhux sew għalhekk li din il-qorti tqis dan l-ilment tar-rikorrent li seħħ tliet snin ilu, meta f'dak iż-żmien huwa kellu rimedji ordinarji li għażel li ma jinqediex bihom;

76. Din il-qorti għalhekk qiegħda ssib favur ir-raba eċċezzjoni tal-konvenuti;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda **<u>tilqa</u>**’ r-raba’ eċċezzjoni tal-konvenuti għaliex hemm raġunijiet biżżejjed biex din il-qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tqis l-ilmenti kollha tar-rikorrent fil-mertu.

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu minn Wasim Rakib.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**